# Il-Knisja ta' Marija Annunzjata ġewwa Ħal Balzan

**Roderick Busuttil**

F'Ħal Balzan, kif nsibu f'xi rħula oħra f'Malta nsibu grupp ta' tliet knejjes li nbnew viċin xulxin. Dawn huma l-knisja ta' Santa Marija Annunzjata, il-knisja ta' Santu Rokku u l-knisja ta' San Anard. It-triq fejn jinsabu dawn it-tliet knejjes f'Ħal Balzan ħadet l-isem minnhom u hi msemmija "Triq it-Tliet Knejjes". F'dan l-artiklu se nitkellmu fuq dik iddedikata lil Marija Annunzjata.


Il-knisja tal-Lunzjata (xellug) u l-knisja ta' Santu Rokku (lemin)

Din il-knisja nbniet fl-iktar parti popolata tar-raħal, jiġifieri fil-qalba ta' Ħal Balzan. Fl-atti tal-viżta ta' Monsinjur Dusina nsibu li l-knisja nbniet fis-seklu 16 u li mill-bidu kienet iddedikata lil Marija Annunziata, li sal-lum għadha t-titulari tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Skont il-Professur Stanley Fiorini jista' jkun li din il-knisja tmur lura sal-ħmistax-il seklu. Ta' min isemmi wkoll li fl-1575 Monsinjur Dusina kien waqqaf il-Fratellenza tas-Santissimu Sagrament f'din il-knisja.

L-Isqof Cagliares, li żar din il-knisja fl-1615, jgħid li l-bieb ta' din il-knisja kien iħares lejn il-punent; isemmi ukoll li quddiemha kien hemm ċimiterju kbir.

Fl-1673, fil-viżta pastorali tiegħu, l-Isqof Lorenzo Astiria, ordna li wħud mill-katavri li kien hemm f'din il-knisja jiġu ttrasportati lejn il-knisja parrokkjali l-ġdida. Fost dawk li kienu ndifnu f'din il-knisja nsibu lil Dun Adrijanu Zarb, li kien l-ewwel kappillan ta' Ħal Balzan, meta r-raħal sar parroċċa fl-1655. Peress li z-zuntier tal-knisja ma baqax jintuża għad-dfin, fl-1673 ttella' salib quddiem l-knisja li għadna narawh sal-lum.

Iktar informazzjoni fuq din il-knisja nsibuhom fl-atti tal-viżta pastorali tal-Isqof David Cocco Palmieri li kien żar il-knisja fl-1686. Hu jsemmi li l-knisja issa kellha tliet bibien. Hu jżid li minn dan il-bieb tgħaddi għal ġol-knisja l-oħra ta' maġenbha, dik ta' San Anard.

### Il-Knisja minn barra u minn ġewwa

Minn meta nbniet sal-lum, din il-knisja baqgħet tgawdi l-oriġinalità tagħha minn barra. L-istil tal-faċċata hu sempliċi ħafna, mingħajr disinji. Dan hu l-istil tipiku ta' kif kienu jinbnew il-knejjes fis-sittax-il seklu.

Il-knisja minn ġewwa għadha tgawdi l-istat oriġinali tagħha, għax fortunatament ma tantx sarilha tibdil.






Il-knisja fiha sitt ħnejjiet li ġejjin għall-ponta. Bejn arkata u oħra nsibu bankijiet tal-ġebel. L-unika ħaġa li nbidlet huwa l-artal maġġur li fil-bidu kien qiegħed mal-faċċata u wara ħafna żmien, l-aħħar ħnejja ngħalqet u l-artal tressaq 'il quddiem biex warajh setgħet issir sagristija. Illum il-ġurnata, il-knisja għandha altar wieħed iddedikat lil Marija Annunzjata. L-altar huwa tal-ġebel bi skannell tal-injam indurat u bi prospettiva sabiħa - tal-injam ukoll - b'pittura antika tal-Lunzjata, xogħol artist mhux magħruf.

Illum il-ġurnata, il-knisja tal-Lunzjata tintuża għal xi attivitajiet kulturali u wirjiet sagri li jsiru minn żmien għal żmien. Tajjeb li jingħad ukoll li din il-knisja kienet fiċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'Ħal Balzan nhar l-14 ta' Awwissu 2005 f'għeluq it-350 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Dakinhar kienet inkixfet irħama kommemorattiva qrib il-knisja biex tfakkar dan l-avveniment storiku.

Iżda fuq kollox, din il-knisja hija marbuta mal-festa liturġika tal-Lunzjata fejn sal-lum ghadha ssir quddiesa nhar il-25 ta' Marzu.

Iktar informazzjoni fuq din il-knisja tinsab fis-sit www.kappellimaltin.com

## Biblijografija


- "Ħal Balzan - Ġrajjietu sal-1999" - Dun Ġwann Dimech - Pubblikazzjoni Kunsill Lokali Ħal Balzan 2004
- "Ħal Balzan u l-Lunzjata" - Carmel Bezzina (2011)


Ritratti ta' Caroline Busuttil



Dehra ġenerali ta' Triq it-Tliet Knejjes



Dehra tal-Knisja tal-Lunzjata minn ġewwa





